**DRAMA FIL-KURRIKULU – 3**

**IL-PRESEPJU TAN-NANNU MIKE**

Fuq l-iskrin, filmati ta' taraġ imżejjen għall-Milied, *supermarkets*, eċċ. Fl-isfond, kant tal-Milied minn xi kor barrani tat-tfal, eż: "*Oh Come All Ye Faithful.*"

| | |
|---|---|
| **JIDĦOL IN-NARRATUR:** | Naħseb indunajtu li dawn huma xeni marbutin mal-Milied. Minn festa ta' Ġesù Tarbija, saret festa ta' kummerċ, ta' xiri u bejgħ bi ħniżrija. |
| *(Jaqleb it-ton)* | Hawn ninsabu fid-dar tal-familja Bonello. L-ulied, Samantha u Robert, jinsabu jitkellmu man-nannu Mike, li qed joqgħod mal-familja biex ma jibqax id-dar waħdu. In-nannu, sa minn tfulitu, kellu entużjażmu kbir għall-Milied. |

*Kant bil-Malti fil-klassi: Ninni la tibkix iżjed…*

| | |
|---|---|
| **In-nannu:** | Kemm konna nkantawha dik l-għanja, l-iktar fil-purċissjoni tal-Mużew, bil-Bambin jiddawwar fit-triqat, bil-fanali mixgħulin. |
| **Samantha:** | Imma issa, b'dat-traffiku kollu, mhux se tissogra, nannu Mike, l-aktar filgħaxija. |
| **In-nannu:** | Hekk hu, hekk hu. L-affarijiet inbidlu, hux? |
| **Robert:** | Int għadek se tagħmlilna presepju, hux, nannu Mike? |
| **Samantha:** | Tinsiex tagħmlilna wieħed kbir u sabiħ, nannu Mike! Hekk wegħidtna għal dis-sena. |

*Tidħol is-Sinjura Bonello, lura mix-xogħol.*

| | |
|---|---|
| **Is-Sinjura Bonello:** | Baxxu leħinkom għax għajjiena mejta… Samantha, mur baxxi dik is-CD jew xi l-mniegħel qed iddoqq. |
| **Robert:** | Ma, in-nannu Mike se jagħmlilna presepju kbir u sabiħ għall-Milied! |

**Il-mamà:** X'se jagħmlilkom?

**Robert:** Presepju kbir u sabiħ. Kif kien jagħmel hu meta kien daqsna.

**Il-mamà:** Ma jagħmlilkom xejn!

*Tkun laħqet daħlet Samantha*

**Samantha:** Għaliex ma, ma jagħmlilna xejn?

**Il-mamà:** Għax ma rridx ħmieġ u imbarazz hawn ġew!

**In-nannu:** Ma naqilgħux ħmieġ u imbarazz, taf Angele, binti. Tinkwetax. Imma issa wegħidthom lil Robert u Samantha … presepju sabiħ, bi stalla b'kaxxa tal-kartun, għoljiet, djar u rziezet żgħar. U fil-bogħod, fuq għolja, it-Tempju ta' Ġerusalemm. Anki għadira żgħira bl-ilma jkun fih. U friegħi taż-żebbuġ.

**Il-mamà:** It-tempju ta' moħħok, pa!

**It-tfal:** U ejja ma, tkunx *spoilsport*!

**Il-mamà:** Ma rridx ħmieġ, għidtilkom.

**In-nannu:** Nagħmilhulhom fit-terrazzin. U nnaddfu kollox wara li llestu.

**Il-mamà:** U mela! Daqskemm naddfu meta webbilthom biex jagħmlu t-tajr! Tgħidx kemm ħallejtu kolla mwaħħla mal-madum! Mhux se tagħmlu presepju u daqshekk!

**Robert:** U ejja ma, *present* għall-Milied. *Please*!

**Il-mamà:** Ma nafx kemm –il *present* semmejtu lili u 'l papa għall-*Christmas*: *mobile phone* ġdid, *computer games*, *tablet*, *Play station*, ħwejjeġ u *trainers* tad-ditta. U issa se tivvintaw il-presepju!

**In-nannu:** *(lill-pubbliku)* Tort tiegħi għax webbilthom. Imma jien xtaqt kieku ma tintilifx id-drawwa tal-presepju, għax din drawwa antika ħafna f'Malta. Ġejja mill-Italja. Minflok il-presepju daħlet il-*Christmas tree* u l-pupu liebes ta' *Father Christmas* tiela' mal-galleriji! Imma l-*Christmas tree* u l-pupu liebes ta' *Father Christmas* mhumiex Maltin.

**Il-kor:** *(jista' jaqra minn karti lesti)*

Ġesù ħelu, Bambin ċkejken tiegħi,

Ejja f'qalbi u għammar miegħi.

Jiena noqgħod miegħek irrid,

Ja Bambin ħelu tiegħi s-Sid.

Ja Bambin ħelu tiegħi s-Sid.

**In-narratur:** Jien qabel indabbar rasi, se ngħidilkom xi qrajt fuq l-internet. "Il-ġenituri tal-lum jagħtu lil uliedhom kulma jixtiequ (naturalment minbarra l-presepju, kif rajtu.) Il-ġenituri qed jonfqu medda ta' 500 Ewro fis-sena f'rigali fuq kull wieħed jew waħda minn uliedhom. Din qed tkun magħrufa bħala l-ġenerazzjoni tal-*parents give-in*, il-ġenerazzjoni "li ċċedi." Il-ġenituri qed iħossu sens ta' ħtija li qed jaħdmu sigħat daqshekk twal (biex jagħmlu l-kapriċċi li jridu.) Ma jkollhomx ħin għal uliedhom. Imma ma jridux li wliedhom ikunu bbuljati fl-iskola għax m'għandhomx l-aħħar *gadgets*."

**In-narratur:** Imma presepju le! *(Lin-Nannu)*

Dak mhux importanti, nannu Mike!

Int inqbadt lura ħabib!

*Lit-tfal tal-klassi:* Aqraw tfal!

Aqraw biċċa oħra. Jew tistgħu tkantawha fuq *Away in a Manger*

Fuq tiben f'maxtura, fost bhejjem ġo għar.

Imgeżwra fi bċejjeċ

ta' ħrieqi wisq fqar.

Hemm ċkejkna tarbija ta' ħlewwa bla qies

u ħlewwa tas-sema

li tgħaxxaq lin-nies.

(Lill-klassi): Jien se nħallikom hawn, ħbieb tiegħi.

Għandkom ħafna fuqhiex titkellmu.

**(Joħroġ)**

TMIEM.

**NOTA GHALL-GHALLIEMA**

Faċilment, dan l-iskript jista' jkun adattat għal qabel l-Għid. Minflok il-presepju jkunu introdotti statwi żgħar tat-tafal li jirrappreżentaw il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li ssir f'tant postijiet f'Malta u Għawdex. Din ukoll għandha tradizzjoni twila folk-reliġjuża li m'għandhiex tintilef.